# BIL-BIEB MITBUQ

Traduzzjoni ghall-Malti minn Kevin Saliba tad-dramm

**Huis clos** ta' **Jean-Paul Sartre**

Direzzjoni ta' Tyrone Grima

27-29 ta'

Jannar 2023

© 2023 Fondazzjoni Kreattività

Id-drittijiet kollha riservati. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mod, kemm b'mod elettroniku kif ukoll mekkaniku, inkluż il-fotokopjar, ir-reġistrazzjoni, jew kwalunkwe sistema ta' ħażna jew irkupru tal-informazzjoni, mingħajr permess bil-miktub minn qabel mill-organizzaturi.

www.kreattivita.org

# BIL-BIEB MITBUQ

Traduzzjoni għall-Malti minn Kevin Saliba tad-dramm

**Huis clos ta' Jean-Paul Sartre**

Direzzjoni ta' Tyrone Grima



# Nota mill-produttur u t-traduttur

Kevin Saliba

*"Mel'hawn aħna insomma..."*

Hekk jiftaħ id-dramm *Huis clos* ta' Jean-Paul Sartre. *So here we are. Dunque, ecco. Alors voilà.*

Ftit kelmiet li kull darba li nismagħhom – ikun xi jkun l-ilsien – dlonk għadhom jeħduni daqs ħamsa u għoxrin sena lura fiż-żmien. Dik il-ħabta mhux lejn xi teatru, iżda biswit il-bank tal-bar tal-każin tal-futbol tar-raħal jien u nitħaddet m'għalliem – anzi surmast – li bejn boqqa birra u oħra kien fetaħli beraħ ħafna bibien, mhux l-inqas bid-diskors dwar l-infern skont dan id-dramm.

Fl-istess waqt dal-ftit kelmiet jeħduni lura wkoll fil-lezzjonijiet tal-letteratura Maltija ta' ċertu għalliem ieħor – illum kittieb kontemporanju Malti ewlieni – minn żmien il-kulleġġ, sewwasew f'dawk l-istess xhur tal-laqgħat kemxejn klandestini mas-surmast wara l-lezzjonijiet tal-Mużew. Anke f'dawk il-lezzjonijiet tal-Malti ġieli ssemma Sartre, id-dramm *No Exit*, "in-nies tad-dinja" u l-infern. Hemmhekk ukoll infetħu bosta bibien, għandu mnejn wisq għal tfajjel ta' sittax-il sena. Kif jgħid Rimbaud: "ħadd ma jkun serju ta' sbatax..."

Ibda biex dan l-infern imminenti ma kienx xi mkien imbiegħed bħal dak illi kont għadni nisma' dwaru – qalb il-kandidati, is-soċji u l-katekisti – mingħand is-Superjur tal-qasam waqt l-Assenjatur Mużewmin. Lanqas ma kellu x'jaqsam mat-tniebri daqstant ieħor remoti ta' Dante li f'dawk ix-xhur tant kont nogħxa nistħajjel waqt il-lezzjonijiet tat-Taljan.

Ormaj kien beda jkala s-siparju fuq żmien il-ħrejjef – dad-dramm, il-vendetta tiegħi.

'"Haw' xi infern aktar tal-waħx, tabilħaqq minnu u ta' veru minn dan t'issa?," kien spiss jistaqsini ċertu Jim Morrison qabel kont nintilef fin-ngħas wara ġurnata skola, mużew u każin – fhimt li ħtieġli nitħażżem.

Bil-kontra tal-oħrajn, l-infern skont Sartre huwa lok minimalist, immedjat u tanġibbli. Inħossuh b'idejna bla hedu, ngħixuh kuljum u triq 'il barra mhux lakemm issibha. Għaldaqstant hu ħrafa li fl-aħħar mill-aħħar mhi ħrafa xejn. "Insomma, dan hu l-infern mela. 'Qas f'mitt sena ma kont inniżżilha din...," jistqarr Garcin ma' Ineż u Estelle lejn tmiem id-dramm. Forsi dak is-sabiħ tiegħu, almenu: ma tobsrux.

Dan ix-xogħol teatrali ta' Sartre – kapulavur tal-eżistenzjaliżmu Franċiż – b'xi mod jew ieħor bqajt inġorru miegħi sal-lum, tant li daqs ħames snin ilu qtajtha li nniedi ħidma fuq produzzjoni multidixxiplinari tiegħu bl-ilsien Malti. Tul it-triq jien u sħabi tal-kollettiv kreattiv iltqajna ma' bosta intoppi, b'mod partikulari l-pandemija li kważi xejnet għalkollox it-twettiq tal-proġett. Anke dik kienet l-infern, iżda inzerta li l-bieb ma kienx mitbuq għalkollox...

Ladarba daħlet fil-kredu l-pandemija ma nistax ma nirrimarkax illi l-infern skont Sartre għandu ħafna mill-imxijiet: ifaqqas malajr, jinfirex bilġri, jittieħed bejn "in-nies tad-dinja", ikidd qatigħ, kapaċi joqtlok jekk isibek xipli. Agħar minn hekk, m'hemmx tilqim kontra dal-ħwejjeġ... għajr il-libertà tagħna bħalma darba spjega Sartre tant snin wara l-ewwel rappreżentazzjoni ta' dan ix-xogħol. L-awtur kien saħaq li l-istqarrija "l-infern in-nies tad-dinja" spiss tinftiehem ħażin, ġieli saħansitra wkoll bħala xi ħaqq miżantropu la Schopenhauer. Dan mhux bilfors il-każ.

Li ried iwasslilna Sartre – il-ħassieb tal-libertà per eċċellenza – pjuttost huwa li, fi kliemu stess, "jeżistu għadd kbir ta' nies li jinsabu fl-infern għax jiddependu wisq mill-ġudizzju tal-oħrajn... Dawna n-nies huma bħal mejtin, fis-sens li ma jistgħux ikissru l-gaġġa tal-problematiki, tal-inkwiet u tad-drawwiet li jkollhom... It-tliet karattri li ser tisimgħu f'*Bil-Bieb Mitbuq* lilna ma jixbhuniex, ġaladarba aħna lkoll ħajjin mentri dawn huma mejtin. Ikun xi jkun iċ-ċirku infernali li qegħdin ngħixu fih, nemmen li aħna liberi li nkissruh. U kemm-il darba n-nies ma jkissruhx, jibqgħu hemmhekk għax iridu huma, liberament. Għaldaqshekk ipoġġu, liberament, lilhom infushom fl-infern".

U mela għaldaqstant għalina llum – ladarba ormaj ħadna did-drawwa tant dubjuża li saħansitra nittantaw nsibu lil xulxin minn ġos-simularki tal-panoptikons tal-midji soċjali – għandu mnejn dan id-dramm sar ferm iżjed punġenti u ferm iżjed urġenti.

*"Mel'hawn aħna insomma... Insomma, inkompluha mela..."*

Merħba!



# Nota mid-direttur

Tyrone Grima

Hemm opportunitajiet li jiġu jħabbtulek fuq bieb il-karriera tiegħek darba biss. Meta Kevin Saliba ċempilli, daqs ħames snin ilu, bil-proposta tiegħu li nidderieġi *Bil-Bieb Mitbuq*, qalbi ħebritni minnufih illi din żgur kienet waħda minnhom.

Dan id-dramm ta' Jean-Paul Sartre ili midħla tiegħu sa minn meta kont nistudja għall-Baċċellerat fil-Franċiż. Kull min bħali jħoss ġibda partikulari lejn id-dinja Frankofona – l-iżjed jekk jaħdem ukoll fit-teatru – aktarx ikun qara kif ukoll ra dan ix-xogħol, tal-inqas darba. Ngħid għalija meta kont student saħansitra 'dderiġejt' xena qasira minnu fuq ir-radju. Mat-tnax-il sena ilu kelli wkoll ix-xorti li nara dan ix-xogħol jittella' f'Malta – għad illi dakinhar bl-Ingliż – mid-direttur Albert Marshall. Madankollu ftit li xejn kelli ħjiel illi xi darba r-rapport tiegħi ma' dan id-dramm kellu jissokta.

Mhux faċli li minn qarrej jew spettatur ta' biċċa xogħol – tkun xi tkun – dlonk imbagħad issib ruħek f'ħin bla waqt fil-qagħda ta' direttur. L-ekwazzjoni tinbidel qatigħ meta test ma jibqax iktar xogħol letterarju: ibda biex jeħtieġlek issib vejjikoli innovattivi biex tippreżentah b'modi rilevanti għall-udjenzi lokali ta' żmienek. Hemmhekk jibdew l-isfidi kollha.

Din il-produzzjoni xeħtet lejna għadd kbir ta' sfidi, kemm kreattivi kif ukoll ta' xorta oħra. M'għandix spazju biżżejjed hawnhekk biex inniżżilhom kollha. Madankollu ma nistax ma nsemmix – lil hinn mill-isfidi kreattivi – l-ingombru tal-pandemija. Dan ix-xogħol kien skedat għall-2020 – f'dik is-sena li ngħalaq kulm'hawn u d-dinja waqfet ħesrem. Iktar tard fl-istess sena għamilna tentattiv ieħor, iżda ma kellux ikun: it-teatri baqgħu magħluqin u r-restrizzjonijiet soċjali – speċjalment fuq id-distanza fiżika – ma ħallewniex nippreżentaw dan ix-xogħol skont kif ridna aħna.

Forsi l-kelma 'miraklu' ma toqgħodx tajjeb f'kuntest ta' dramm miktub minn Sartre. Iżda l-fatt sagrusant li wara daż-żmien kollu – u minkejja kollox – il-formazzjoni tal-kollettiv kreattiv tagħna baqgħet kważi l-istess żgur mhux xi ħaġa tas-soltu. Miraklu jew mhux, żgur ma konniex naslu s'hawn mingħajr id-determinazzjoni li tant spikkat f'kull parteċipant illi bis-saħħa tiegħu jew tagħha intom illejla tistgħu taraw dan ix-xogħol.

Għalhekk issa nistedinkom ilkoll biex – imqar għal ftit – tissieħbu ma' Garcin, Ineż u Estelle kif ukoll magħna f'dan *l-infern tagħna*.












# André Mangion

André Mangion huwa kittieb kif ukoll attur.

Beda t-taħriġ tiegħu ġewwa Freespirit Acting u kompla bit-taħriġ fi ħdan it-Teatru Manoel mal-grupp Teatru Manoel Youth Theatre.

Fl-2012  kiteb u ħa sehem fid-dramm *It-Tfajjel ta' fuq il-Bandla* li rebaħ l-ewwel edizzjoni tas- Social Theatre Contest.

Daqs sena wara rebaħ ukoll il-konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ bin-novella tiegħu *Tattoo*.

Fl-2016 ipproduċa l-ewwel spettaklu tiegħu, *Teatr-ejn* – programm doppju li ttella' fi Spazju Kreattiv.

Fl-2018 kiteb u pproduċa flimkien ma' Teatru Malta *Raymond "Fight" Beck* – proġett illi għaqqad flimkien b'ċerta ħila t-teatru u l-boxing. Id-dramm ġie nnominat għall-premju tal-Aktar Proġett Innovattiv tal-istaġun teatrali 2017/2018. Id-dramm aktar tard nqara fuq il-palk fl-Instituto Cervantes ta' New York u ġie adattat u mtella' waqt l-Altofest tal-Fondazzjoni Valletta 2018.

Fil-Cospicua Short Play Festival, fl-2020 rebaħ il-premju għall-aħjar kitba u l-aħjar attur bix-xogħol ta' versi teatrali esperimentali *id-dawl mit-tieqa tas-sitt sular // il-warda bla xewk fuq iċ-ċinta tal-ġnien.*

Wieħed mill-iktar xogħlijiet riċenti tiegħu kien *Ta' Fuqha Senduqha* (Toni Attard, 2022) – dramm bil-Malti miktub minnu dwar il-faqar f'Malta li ttella' fi spazju Kreattiv b'risq il-YMCA.

Produzzjonijiet notevoli oħra bis-sehem ta' Mangion jinkludu *Mela Hawn xi Manikomju?* (2016); *Ħekuba* (2016), *B'Tal-Linja Jaqbillek Żgur (2017)*, *Il-Mitt Fehma tal-Kavallier John Gordimaina O.S.C.I* (2017), *Il-Ħanina Maddalena* (2018), *Repubblika Immakulata* (2019), *Rinoċeronti* (2019) u *Castillo* (2022).



# Sean Briffa

Sean Briffa huwa attur u artist tal-ispettaklu.

Fuq il-palk interpreta għadd ta' rwoli fi drammi bħal *Marti Martek, Martek Marti* (Malcolm Galea, 2016) u *Sibna ż-Żejt* (Wayne Flask, 2015) fit-Teatru Manoel.

Briffa jagħmel spettakli bil-pupazzi kif ukoll bin-nar ma' Malta kollha.

Jgħaqqad il-kompetenzi artistiċi tiegħu billi juża pupazzi maħluqin minnu stess u jesebixxi fil-pubbliku l-arti tal-poi fuq il-palk, kif spiss wera f'pantomimi u f'xogħlijiet oħra.

L-iktar xogħlijiet artistiċi li jfittex Briffa huma dawk illi jippermettulu jsawwar kollox mill-bidu nett, spiss billi jesperimenta u jimprovizza b'kunċetti ġodda.



# Antonella Axisa

Antonella Axisa hija attriċi full-time, preżentatriċi u artist voiceover. B'ħila notevoli għall-aċċenti toħloq karattri għall-films u għat-teatru permezz ta' leħinha u ġisimha.

Bħala attriċi, l-esperjenza u t-taħriġ tagħha jkopru t-teatru, il-films u t-televiżjoni. Axisa bdiet titħarreġ fl-iskola nazzjonali tad-drama ta' Malta u bdiet tipprattika fil-grupp teatrali tagħha aleateia.

Fl-2005 bdiet Masters in Performance fil-Goldsmiths College u mbagħad bdiet taħdem f'Londra bħala attriċi professjonali. Fi Brussell tħarrġet fit-teknika Meisner ma' Larry Silverberg u fit-Teknika Chubbuck ma' John Flanders.

Bejn l-2014 u l-2015 attendiet kors intensiv fil-Lee Strasberg Theatre and Film Institute f'Los Angeles u kompliet it-taħriġ tagħha fit-Teknika Chubbuck fl-Ivana Chubbuck Studio.

Lura f'Malta Axisa bdiet tinterpreta r-rwol ta' Ashley fis-soap opera ta' TVM *Ħbieb u Għedewwa*. Ħadmet żewġ drammi fit-Teatru Manoel: *Sibna ż-Żejt* (Wayne Flask) u *Ħabbilni Ħa Nirbaħ* (Simon Bartolo) u interpretat ir-rwol ta' Kummissarju tal-Pulizija fil-cabaret *Balzunetta Towers* li kien parti mill-Malta International Arts Festival.

Interpretat ukoll rwoli f'Moving Mountains (Spazju Kreattiv) u En Folkefiende (Blue Box). Ta' min jinnota b'mod partikulari s-sehem tagħha bħala Martiża fil-produzzjoni memorabbli *Boulevard* ta' Francis Ebejer fit-Teatru Manoel.

Axisa kellha rwoli f'diversi films, fosthom *A Borrowed Scent* (2013), *House of Thought* (2013) u *Simshar* (2014).

Fis-sajf tal-2017 ħadet fl-akbar proġett tagħha s'issa meta pproduċiet il-film qasir tagħha *Marbut*, iffinanzjat mill-Malta Film Fund. Il-film issa qed jintwera f'diversi festivals. Aktar tard dik is-sena kellha sehem fil-film qasir ta' Chris Zarb *The Last Grain* (2017).

Bħala preżentatriċi Axisa ppreżentat iċ-ċerimonji tal-ftuħ u tal-għeluq (mal-attur Thomas Camilleri) tal-Valletta Film Festival kif ukoll bosta avvenimenti oħra relatati mal-midja u l-kultura, inkluż il-Malta International Choir Festival u l-edizzjoni tal-2016 Malta Jazz Festival organizza mill-Kunsill Malti għall-Arti.



# Sarah Camilleri

Sarah Camilleri bdiet tiżfen ta' erba' snin.

Kisbet Diploma fil-Balet Klassiku u fiż-Żfin Modern mill-assoċjazzjoni British Theatre Dance (MBTDA) u mbagħad Baċellerat fit-Teatru u l-Komunikazzjoni kif ukoll PGCE fid-Drama.

Fost dixxiplini oħra studjat it-teatru mużikali, ir-reċtar, l-arti tal-prestazzjoni u t-teatru kontemporanju u interkulturali.

Ilha kważi ħamsa u għoxrin sena tgħallem id-drama f'diversi skejjel tad-drama.

Bħala żeffiena Camilleri kienet parti minn The Alison White Dancers u tul is-snin ippreżentat xogħol ta' koreografija u ta' żfin f'għadd ta' musicals, kunċerti, festivals tal-kanzunetti, drammi u programmi televiżivi.

Tul dawn l-aħħar erbgħa u għoxrin sena dehret f'bosta films, reklami, filmati mużikali u drammi televiżivi lokali.

Fil-livell internazzjonali Camilleri tat diversi wirjiet fl-Ingilterra, fl-Italja, fl-Awstrija, fil-Ġermanja u saħansitra fl-Indja.

Ġiet innominata darbtejn għall-Aħjar Attriċi Mara fil-Malta Television Awards. Fl-2020 rebħet dan l-istess premju fis-CSPF kif ukoll il-premju għall-Aqwa Attriċi Mara fi Rwol Sekondarju fil-Malta Film Awards 2022.

Bħalissa Camilleri qiegħda ssegwi Maġisteru fit-Teatru u l-Preżentazzjoni ta' Xogħlijiet Teatrali filwaqt li tgħallem fil-Malta School of Drama and Dance.



# Yuko Kominami

Yuko Kominami hija żeffiena u koreografa Ġappuniża bbażata fil-Portugall.

Studjat u tħarrġet f'Tokyo fl-istil kontemporanju teatru-danza Butō. Kisbet Baċellerat fl-Istorja tal-Ġappun fl-Università ta' Waseda, u mbagħad segwiet Diploma Professjonali fl-Istudji taż-Żfin Komunitarju kif ukoll Programm ta' Studju Indipendenti fil-Labelan Center ta' Londra. Fl-2006 kisbet ukoll Maġisteru fil-Kulturi, l-Istorja u l-Prattiki taż-Żfin mill-Università ta' Surrey.

Bejn l-2007 u l-2010 Kominami ħadmet ma' bosta koreografi, żeffiena, mużiċisti, artisti u diretturi teatrali fil-kumpanija taż-żfin *TEN PEN Chii ART LABOR* taħt id-direzzjoni ta' Yumiko Yoshioka u Joachim Manger. Tul is-snin ippreżentat ix-xogħol tagħha f'diversi festivals prestiġjużi, fosthom fil-Festivalul International de Teatru de la Sibiu (2005) fil-Festival June Events – Atelier de Paris Carolyn Carlson (2010), fil-Les Repérages Danse f'Lille (2013), fil-Bijennali tal-Arti tal-Ispettaklu Body Radical f'Budapest (2015) u darbtejn fil-Bijennali ta' Odisha fl-Indja (2015, 2017).

Bil-koreografiji tagħha – l-iżjed b'dawk misnuġħa fuq it-teknika kontemporanja Ġappuniża Butō – Kominami ġibdet fuqha l-attenzjoni ta' bosta koreografisti minn għadd ġmielu ta' pajjiżi, fosthom il-Lussemburgu, Franza, il-Ġermanja, il-Belġju, Spanja, il-Portugall, l-Italja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Finlandja, it-Turkija, ir-Renju Unit, il-Ġappun, iċ-Ċina, l-Indja u l-Perù.

Ix-xogħlijiet tagħha jinkludu *Ones_Voices* (Steve Kaspar, 2004), *Linnunrata* (2007) u *reMEMBRANEce* (Catherine Richard/Emre Sevindik, 2009), *Project O* (Rajivan Ayyappan/ Emanuela Iacopini/Kunihiko Matsuo, 2010), *Mayu* (Tomás Tello, 2011), *Recollections* (Kunihiko Matsuo, 2012), *Grass Worm-Summer Grass* (2013), *Three_Short_Stories* (Sayoko Onishi, 2015) u *Dreaming Scarlet Medusa* (Diego Vizcarra/Tomás Tello, 2017).

Ix-xogħol koreografiku ta' Kominami sikwit jiżvolġi f'mossi esperimentali danza-teatrali li fi kliemha tiddeskrivihom bħala movimenti ta' tiswir li jisħqu fuq l-inevitabbiltà tal-preżent immedjat.

Il-qofol tal-koreografiji ta' Kominami spiss jitnebbaħ minn bosta stati estremi tal-eżistenza, fosthom mil-lok u mill-punt fejn l-intensitajiet separati tal-individwi mhux biss jiltaqgħu iżda wkoll jixxebilku lkoll f'xulxin, u dan f'wieħed mill-istili maġġuri Ażjatiċi taż-żfin teatrali kontemporanju.



# Jill Crovisier

Imwielda fl-1987 fil-Lussemburgu, l-artista multidixxiplinari Jill Crovisier iggradwat fil-balet u fiż-żfin kontemporanju mill-Konservatorju ta' Esch-sur-Alzette qabel kompliet l-istudji tagħha fiċ-Ċina, Franza, l-Istati Uniti, l-Indoneżja u l-Iżrael.

Intant iggradwat ukoll bħala għalliema taż-żfin.

Artista ferm meqjuma fil-livell internazzjonali, ħadet sehem fi proġetti u kreazzjonijiet taż-żfin terapewtiċi li jwasslu l-qawwa taż-żfin u tal-arti kontemporanja lil udjenzi dejjem akbar. Tilgħab b'bidliet dinamiċi mhux mistennija, kwalitajiet differenti ta' moviment, strutturi preċiżi fl-ispazju u immaġnijiet qawwija.

Crovisier ilha taħdem mill-2007 bħala żeffiena professjonali u mill-2013 ukoll bħala koreografa, vidjografa u disnjatriċi tal-ħoss. Rebbieħa ta' diversi premji, ħadet sehem f'kompetizzjonijiet koreografiċi prestiġjużi f'Hanover, Kopenħagen, Stuttgart, Masdanza u ntgħażlet mill-pjattaforma Lucky Trimmer.

F'Jannar 2019 irċeviet premju onorarju mill-belt Lussemburgiża ta' Rumelange għall-kisbiet eċċezzjonali tagħha fiż-żfin u l-koreografija.

Fl-istess sena, rebħet il-Letzebuerger Danzprais kif ukoll il-premju PEARLS għall-film qasir tagħha *NILYNDA*.

Fl-2021 ħolqot il-biċċa taż-żfin (Tanzabend) għall-Folkwang Universität der Künste f'Essen, il-Ġermanja.

Il-vjaġġi tagħha mad-dinja kollha sa minn età żgħira esponewha għal spettru vast u eklettiku ta' żfin: miż-żfin klassiku għall-movimenti Ażjatiċi tradizzjonali. Ma tonqosx lanqas il-kultura urbana.

Minn dawn l-elementi Crovisier sawret il-lingwa proprja tal-moviment tagħha. Fi proposta individwalistika għall-koreografija kontemporanja mhux biss tuża l-esperjenza tagħha bħala osservatriċi u żeffiena professjonali, iżda wkoll l-impulsi li jiġbudha lejn l-arkitettura, il-mużika u n-natura kif ukoll il-ġisem u l-ispirtu tiegħu. Hemmhekk tara possibbiltajiet ta' espressjoni fiżika u spiritwali bla tarf.

Crovisier hija d-direttriċi artistika tal-kumpanija Lussemburgiża JC Movement Production.

Bħalissa qiegħda ddur id-dinja bix-xogħlijiet *Zement the solo*, *SIEBEN*, *The Hidden Garden*, *BOLERO*, *I(CE)(S)CREAM Boléro Femme*, *Afternoon of a Faun*, *JINJEON*, *ONNANOKO*, *MAHALAGA Landscapes* u *SAHASA*.

L-aktar xogħol reċenti tagħha *THE GAME* se jittella' fl-2024.



# Dorian Mallia

Dorian Mallia huwa l-fundatur u d-direttur artistiku ta' Moveo Dance Company u studjuż u żeffien professjonali.

Iggradwa mis-Central School of Ballet (CSB) ta' Londra fejn kiseb lawrja fiż-żfin u l-prestazzjoni professjonali u mbagħad kiseb ukoll Maġisteru fl-Istudji taż-Żfin mill-Università ta' Malta.

Qabel beda jsegwi l-istudji tiegħu fis-CSB Mallia attenda l-Johane Casabene Dance Conservatoire (Malta), l-Urdang Academy (Londra), il-Covent Garden Dance Company (Londra) u l-Akkademja tal-Istat tal-Ungerija.

Tul il-karriera tiegħu Mallia ta prestazzjonijiet mill-aqwa fil-livell internazzjonali ma' bosta kumpaniji, fosthom il-European Ballet (Londra), l-RBR Dance Company (Verona, l-Italja), il-LaMov Compania de Danza (Spanja), il-Paganini Dance Company (Ruma, l-Italja) u l-Mavinkhoodance (Singapor).

Fl-2008 waqqaf il-Move Dance Company u pproduċa repertorju vast ta' żfin illi ntwera kemm f'Malta kif ukoll f'diversi pajjiżi oħra, fosthom il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, l-Italja, Spanja u l-Istati Uniti.

Bħala studjuż taż-żfin Mallia beda jagħti taħditiet bħala lettur mistieden fl-Università ta' Malta fl-2012 u bħala lettur part-time fl-MCAST fl-2016 . Intant serva l-kariga ta' Kap tal-Balet u taż-Żfin Kontemporanju fid-Dance Project Studios tul 4 snin. Fl-2016 ta wkoll taħdita b'dimostrazzjoni dwar ir-riċerki tiegħu fl-Università ta' Chichester.

Wara li kiseb l-ewwel post fis-Central Trust Award fl-2006, Mallia żviluppa xogħol koreografiku għal Design for Dance illi ntwera fil-Bloomsbury Theatre (Londra). Żifen ukoll fid-Dance Works (Malta), fil-Mavinkhoodance (Londra), fit-Third Row Dance Company (Londra), fil-Malta International Arts Festival kif ukoll fiċ-ċerimonji tal-ftuħ tal-Commonwealth Heads of Government Meeting (CHOGM, Malta, 2015) u tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2017).

Flimkien ma' Diane Portelli fl-2018 rebaħ il-premju tal-Artist tas-Sena tal-Kunsill Malti għall-Arti.



# Angele Galea

Angele Galea tħarrġet bħala pjanista. Segwiet żewġ fellowships fil-prestazzjoni fuq il-pjanu u t-teorija mużikali.

Mill-1999 'l hawn ħadmet bħala attriċi u preżentatriċi fuq it-televiżjoni, ir-radju u l-palk kif ukoll fil-qasam taċ-ċinema.

Galea hija wkoll ikkwalifikata bħala għalliema tal-arti. L-aħħar esebizzjoni tagħha kienet il-kollaborazzjoni mal-attriċi Alba Florian Viton u mal-vidjografa Mia Scerri *The Insanity of Vanity* (2016).

Galea fasslet ukoll diversi disinji ta' settijiet u kostumi għall-produzzjonijiet fuq il-`palk. Fost ix-xogħlijiet tagħha nsibu *Porn, the Musical* (MITP, Edinburgh 2009), *Babaw* (ŻiguŻajg, 2016) u *Antigone* (Manoel Theatre, 2018). Kienet ukoll il-mexxejja ewlenija tal-proġett *Get Your Act Together* (2017).

Galea ħadmet ukoll bħala Direttriċi Artistika ma' More or Less Theatre u bħala Direttriċi Artistika għal Science in the City (2019/20), Waħda Minna (2019), BioBank Outreach Play (2019), Jumping Genes (2020), Apocalysmas (2020), Like Now and Then (2020) u 'The Irretrievable' (2021).

Qdiet ukoll ir-rwol ta' Koordinatriċi Edukattiva għall-Fondazzjoni Valletta 2018.



# Ann-Marie Camilleri

Ann-Marie Camilleri hija għalliema tal-Primarja. Tul dawn l-aħħar għaxar snin għallmet fil-Kulleġġ Stella Maris.

Ilha wkoll mat-tmien snin taħdem fit-teatru, l-aktar wara l-kwinti.  Bdiet bħala suġġeritriċi għal *Children of a Lesser God* (2015), *Mela Hawn Xi Manikomju?* (2016), *Antigone* (2018), u *Għajn Ma Tara* (2018) – kollha taħt id-direzzjoni ta' Tyrone Grima.

Camilleri ħadmet ukoll fir-rwol ta' Direttriċi Xenografika għal Sean Buhagiar fil-produzzjoni teatrali *The Crucible* (2018). Ħadmet ukoll fuq diversi proġetti għall-kumpanija teatrali nazzjonali Maltija Teatru Malta matul il-programm tagħha tal-2018. Ukoll fl-istess rwol ma' Sean Buhagiar serviet ta' Assistenta Maniġer tal-Palk f'Raymond "Fight" Beck (2018) kif ukoll ta' Maniġer tal-Produzzjoni għal Toni Attard f'*Boulevard* (2018) u għal *Il-Madonna Tiegħi Aħjar Minn Tiegħek* (2018) ta' Peter Busuttil – ilkoll għal Teatru Malta.

Kienet ukoll Stage Assistant fil-produzzjonijiet *Il-Ħanina Maddalena* (2018) u *Gawgaw – A Panto in the Dark* (2018).



# Adrian Mamo

Il-perit Adrian Mamo ggradwa fl-Arkitettura u l-Inġinerija mill-Università ta' Malta fl-1989 u ħadem bħala perit fl-Antiquities Section of the Works Department qabel ma waqqaf l-ARCHITECTS STUDIO fl-1995 flimkien ma' tliet kollegi oħrajn.

Adrian Mamo ddisinja u fassal is-settijiet ta' diversi produzzjonijiet teatrali għal bosta kumpaniji f'Malta. Għal MADC ddisinja *The Cherry Orchard, The Woman in Black, Rebecca, The Merchant of Venice, Les Liaisons Dangereuses, Little Shop of Horrors* u sitt pantomini għal *żmien* il-Milied: *Peter Pan, Rapunzel, Jack and the Beanstalk, Aladdin* u *Alison Wonderland*.

Għal Acting House Production kien responsabbli mis-settijiet ta' dawn il-produzzjonijiet: *The Open Couple, The Lady from the Sea* and *Who's Afraid of Virginia Woolf*.

Għal Masquerade Theatre Company, Mamo ddisinja s-settijiet ta' *Private Eyes, The Revue, Tin Pan Ali, Dracula Spectacula, Jekyl & Hyde* u *The Little Mermaid*.

Adrian Mamo *ħ*adem ukoll mal-Maleth fuq il-produzzjonijiet *Il-Festa bil-Bandieri* u *Sawlu*. Mal-kumpanija Theatrencore ħadem fuq is-settijiet ta' *Bwani* u *Children of a Lesser God*. Produzzjonijiet oħrajn li ħadem fihom jinkludu *Ir-Rewwixta tal-Qassisin, The Marat Sade, Clouds* u x-xogħol mużikali *Grease*.

L-aħħar xogħlijiet tiegħu kienu *Jiena Nħobb, Inti Tħobb* u *Ċittadin Vassalli* għal Staġun Teatru Malti fit-Teatru Manoelu, kif ukoll *Il-Kappillan ta' Malta* u *Faith, Hope and Charity ġewwa* l-Forti Sant'Iermu.

Mamo huwa wkoll ko-fundatur u produttur ta' VOICES – wieħed mill-ikbar avvenimenti mużikali li jittellgħu f'Malta kull sentejn. Bejn l-2006 u l-2013 kien ukoll ċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura.

Bħalissa Adrian Mamo huwa l-president tal-Malta Society of Arts.



# Nigel Baldacchino

Nigel Baldacchino huwa perit li madankollu jipproduċi wkoll il-mużika u jaħdem bil-fotografija. It-teżi tal-Baċellerat tiegħu kkontemplat il-bażi komuni u l-interazzjoni bejn il-perċezzjoni u l-organizzazzjoni tal-ħoss (mużika) u dik tal-ispazju (arkitettura).

Il-prattika artistika tiegħu tħaddan diversi mezzi, inklużi l-fotografija, il-produzzjoni tal-mużika, il-vidjow, it-test u d-disinn ta' oġġetti/spazji fiżiċi. L-użu tiegħu tal-fotografija jxaqleb l-aktar lejn id-dinamiċi artistiċi tal-pittura, l-iżjed għax ix-xogħol tiegħu – iżjed milli jesebixxi kontenut – spiss jevoka burdata b'espressjoni viżiva li twassal kummenti personali dwar il-perċezzjoni ta' realtà kondiviża b'mod konxju.

Uħud mill-wirjiet fotografiċi tiegħu jinkludu *Sense of Place* (BOZAR Center of Fine Arts, Brussell, il-Belġju, 2012), *In Transit* (NRW Forum f'Dusseldorf / Stadskantoor u Leewarden, 2017), *Transitions* (Peinture Fraiche, Brussell Belgium, 2020) u *BLINK* ( Valletta Contemporary, Valletta, 2021).

Stampi tar-ritratti u x-xogħol tiegħu fil-vidjo nkisbu minn The Malta National-Community Art Museum fl-2017 bħala parti mill-kollezzjoni tagħhom.

Fl-2020 il-fotografija tiegħu ġiet ippubblikata wkoll fl-ewwel edizzjoni ta' GUP Magazine ta' 'FRESH EYES' – ċelebrazzjoni tal-aqwa talent fotografiku fl-Ewropa.

Fl-2019 Nigel ppubblika *Soon Out of Context* b'siltiet minn poeżiji tiegħu ppreżentati fi djalogu ma' immaġnijiet meħuda minn pubblikazzjonijiet antiki li llum daħlu fid-dominju pubbliku.

Fl-2014 Baldacchino ħa sehem fil-Fawwara Cancer Project billi ddisinja għadd ta' installazzjonijiet awdjo u l-ktieb ta' poeżija kull flgħaxija kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum ta' Glen Calleja.

Fl-2014 daħal ukoll fil-kitba akkademika bid-dokument Relative Authenticity: Abstraction and the Digital Domain għal Antae Journal.

Fid-dimensjoni tal-ħoss Baldacchino beda joħloq il-mużika u jitgħallem il-produzzjoni fl-2011 permezz tal-proġett tiegħu Fastidju billi żviluppa ideat mużikali mhux maħduma ma' produtturi lokali bħal Mario Sammut. Fl-2014 il-proġett tnieda f'album bl-istess isem.

Bl-esperjenza li keiseb matul dan il-proġett Baldacchino mbagħad ipproduċa diversi xogħlijiet mużikali, fosthom prestazzjoni f'għar flimkien mal-mużiċist esperimentali Aaron Dilloway u għadd ta' soundtracks għal wirjiet teatrali lokali u biċċiet vidjografiċi.

Is-soundtracks tiegħu jinkludu filmati bħal 4.1868 The Theory of Heat (2012) ta' Adrian Abela u SONUS: The sound of sonnets and the paper memory machine (2014). Il-wirjiet teatrali jinkludu *S-S-Spaces* (2013) ta' Rebecca Camilleri/Nicola Rayworth u *LIMBUS* ta' Teatru Santwarju (2016).

Mat-tikketta Belġjana Complex Holiday fl-2021 Baldacchino ppubblika bħala solista – taħt l-isem Pool Night – l-ewwel materjal ambient esperimentali tiegħu bit-titlu *Everything Is Still Here.*



# Kenneth Scicluna

Kenneth Scicluna pproduċa films li ntwerew f'aktar minn 60 festival mad-dinja. Huwa membru fil-forum Talent Berlinale u membru tal-Akkademja Ewropea tal-Films.

Scicluna iddebutta f'dan il-qasam fl-2001 bil-feature studentesk *Genesis* – l-ewwel film Malti li ntwera internazzjonalment mis-snin sebgħin.

Il-film narrattiv qasir *The Isle*, ikkummissjonat minn Zentropa fl-2004, irċieva kummenti pożittiv ħafna minn Time Out ta' Londra.

Fl-2011 il-film *Daqqet ix-Xita* rebbħu l-premji tal-Aqwa Direttur Lokali u tal-Aqwa Ċinematografija fil-Malta International Short Film Festival. Intant il-film intwera f'bosta festivals internazzjonali prestiġjużi, fosthom l-Oaxaca International Film Festival (il-Messiku), il-Mediterranean Short Film Festival (Tanġier, il-Marokk), id-Cyprus International Film Festival (Ċipru), is-Salento Finibus Terrae and Trani Film Festival (l-Italja), l-Eurocine27 (Madrid u Brussell), ix-Short Film Corner (Cannes, Franza) u r-Raindance Film Festival (Londra).

Il-film qasir *Eleġija* (2014) – xogħol imnebbaħ mill-poeżija ta' Doreen Micallef Chritien – kien l-ewwel wieħed mis-sensiela Poetry on Film. Fl-2018 reġa' deher f'din is-serje flimkien mal-awtriċi Clare Azzopardi bil-film *Kafè*. Iż-żewġ films inħadmu bl-appoġġ u bil-kollaborazzjoni ta' Inizjamed u tal-Fondazzjoni Valletta 2018.

Intant fl-2017 idderieġa *MK* – film qasir dwar iż-żeffien Malasjan Mavin Khoo filwaqt illi pproduċa wkoll l-ewwel film taż-żfin ta' ŻfinMalta, *Selah*.

Scicluna huwa wkoll lettur mistieden fl-Università ta' Malta. Bħala kelliem favur l-introduzzjoni tal-istudji ċinematografiċi sa mill-ewwel snin tal-iskola, bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti ħa sehem f'diversi proġetti ma' tfal fil-produzzjoni ta' films.

Ukoll mat-tfal, fl-2018 mexxa l-proġett *Tafxnaf* illi pproduċa – bħala parti mill-attivitajiet kulturali tal-Valletta 2018 – ħames films qosra minn stejjer miktuba minn studenti tal-Form 2.

Scicluna kien membru tal-ġurija tal-films qosra tal-Valletta Film Festival (2016) u tal-Kinemastik Short Film Festival (2012).



# Steven Levi Vella

Steven Levi Vella twieled fl-1993. Jaħdem bħala fotografu u direttur mal-Ewropa kollha, b'mod partikulari ma' gruppi mużikali u artisti.

Fl-arti tiegħu Vella jisħaq fuq l-istejjer li jara mill-għajn tal-lenti u fuq l-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li jinnota, biex b'hekk joħroġ fil-beraħ dak li jkun filfatt moħbi. Vella ma jillimitax lilu nnifsu għal tema jew ġeneru wieħed għax jemmen li l-libertà tal-espressjoni u tal-immaġinazzjoni toħloq triq fil-misterjuż u f'dak li għadu ma jkunx skopert.

Għalhekk, għadilli huwa magħruf ħafna għall-ħidma artistika tiegħu fil-qasam tal-fotografija tal-moda, Vella jmur lil hinn – f'dak li hu jsejjaħ *"il-vjaġġ tiegħu għall-ħelsien artistiku"*.

Fid-dinja tat-teatru, fl-2017 Steve Levi Vella ħadem mad-direttur Tyrone Grima fuq il-fotografija tal-produzzjoni *Antigone*.

# Tim Kreattiv

Produttur u traduttur | Kevin Saliba

---

Direttur | Tyrone Grima

---

Atturi | Antonella Axisa
Sarah Camilleri
André Mangion
Sean Briffa

---

Koreografi | Yuko Kominami
Jill Crovisier
Dorian Mallia

---

Disinjatur tas-sett | Adrian Mamo
Kostumi | Angele Galea
Filmografu | Kenneth Scicluna
Fotografu | Steven Levi Vella
Mużika | Nigel Baldacchino
Assistenta maniġer tal-palk | Ann-Marie Camilleri
Bini tas-sett | Aaron Bezzina
Disinn tad-dawl | Dali Aguerbi

---

Ringrazzjament speċjali lill-persunal kollu ta' Spazju Kreattiv li ħadem fuq din il-produzzjoni, lill-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) talli assistenza loġistika u lill-Kunsill Malti għall-Arti li ffinanzja dan il-proġett.




#SpazjuKreattiv

kreattivita.org
+356 21223200

Il-Qalba tal-Kreattività

www.kreattivita.org